MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 34/2011

**Francis Sciberras**

**Vs**

**Stephan Spiteri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attur ippremetta:-

Illi fid-dsatax (19) ta' Ottubru 2009, ghall-habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar waqt li l-attur kien wieqaf bil-mutur tieghu tat-tip Yamaha DT bin-numru ta' registrazzjoni FAZ 896 fit-tarf ta' Triq il-Qronfol, Xewkija, li tizbokka fi triq id-dritta maghrufa bl-isem ta' Triq il-Hamrija, Xewkija, precizament 'il barra mit-tarf ta' Triq il-Qronfol pero' 'l gewwa mit-tarf ta' triq id-dritta, jistenna t-traffiku jikklerja qabel ma' johrog ghal got-triq id-dritta, baqa' hiereg minn fuq STOP sign minn fergha ohra tat-Triq il-Hamrija, maghrufa wkoll bl-isem ta' Triq il-Hamrija, li pero' hija triq sekondarja, il-konvenut Stephan Spiteri, li dak il-hin kien qed isuq truck pick-up tat-tip Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni JBH 354, minghajr ma waqaf u ghalkemm applika l-brejkijiet habat mal-mutur u tajjar lill-attur ghal diversi metri 'l boghod, u wegghu gravament tant li l-attur kien ukoll fil-perikolu mminenti li jitlef hajtu, minbarra li kkangunalu wkoll hsarat estensivi fuq il-mutur tieghu;

Illi minn fejn hareg il-konvenut hemm sinjal biex wiehed jieqaf kemm b'tabelli fuq kull genb fit-tarf tat-triq kif ukoll sinjal iehor biex jieqaf fl-art b'linja bajda 'l barra minnu li taqsam il-parti l-wiesgha tat-triq sekondarja ta' Triq il-Hamrija mit-triq id-dritta ta' Triq il-Hamrija;

Illi ghal dan l-incident jahti unikament il-konvenut billi minkejja li minn fejn kien hiereg kellu vizwali cara u fit-tul tat-triq u ma kien hemm xejn x'jostakolalu l-vizwali tieghu milli jara lill-attur wieqaf quddiemu fuq il-mutur, huwa baqa' hiereg bla ma waqaf u bla ma pproceda b'kawzjoni, liema incident sehh minhabba t-traskuragni grassa, b'negligenza u b'imperizja, u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Stephan Spiteri fis-sewqan tieghu;

Illi kienet il-manuvra tal-konvenut Stephan Spiteri li kienet il-kawza prossima u mmedjata tal-incident li sehh bejn it-truck u l-mutur;

Illi minhabba dan l-incident ir-rikorrent sofra danni ngenti konsistenti sew f'danni emergenti konsistenti fi hsarat fuq il-mutur kif ukoll f'lukri cessanti minhabba debolizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' partijiet minn gismu, kif ser jirrizulta dettaljatament fil-kors ta' din il-kawza;

Illi l-konvenut minkejja li gie nterpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mir-rikorrent huwa baqa' inadempjenti.

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-incident oggett ta' dan ir-rikors guramentat gara unikament htija tal-konvenut minhabba sewqan traskurat, b'imperizja, u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. Tillikwida d-danni kollha konsegwentement sofferti mill-attur kemm ghal dawk il-griehi ta' natura permanenti li sofra u li hallewlu debolizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' partijiet minn gismu, u ghall-ispejjez kollha tat-tiswija tal-hsara li garrab il-mutur tieghu f'dan l-incident, kif ukoll spejjez ohra ghall-kura medika li r-rikorrenti nkorra ruhu fihom konsegwenza tal-korriment u l-griehi li garrab;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Frar 2010, u dik ipprezentata kontestwalment ma' din il-kawza kontra d-ditta assikuratrici, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab imharrek.

Rat ir-risposta guramentata ta' Stephan Spiteri fejn ikkonferma:-

1. Illi l-konvenut bl-ebda mod u manjiera mhu responsabbli ghall-incident in kwistjoni liema incident gara minhabba traskuragni grassa, imprudenza, u non-osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku tal-istess rikorrenti, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh ta' dina l-kawza;

2. Illi m'huwa minnu xejn li l-attur li kien qieghed isuq m/cycle tat-tip Yamaha DT (numru ta' registrazzjoni: FAZ 896) kien wieqaf fit-tarf ta' Triq il-Qronfla, Xewkija. Li kieku l-attur kien veru hekk wieqaf fit-tarf ta' Triq il-Qronfla kieku l-incident qatt ma kien javvera ruhu. Li gara kien li l-istess attur hareg minn go triq sekondarja ghal gol-karregjata tat-triq principali minghajr ma esplora tajjeb it-triq, hareg rassenti minn taht il-kantuniera tal-istess triq u pproceda ghal distanza konsiderevoli fuq ir-wrong side tat-triq bil-konsegwenza li dahal fit-truck (JBH 354) misjuq mill-konvenut.

3. Illi l-istop sign ma jinkwadra ruhu bl-ebda mod f'dan l-incident u s-sinjal abjad qieghed hemm biex jidderigi t-traffiku li jkun irid jaqsam il-karregjata ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq. Fil-kaz tal-konvenut huwa ma kienx se jaqsam ghan-naha l-ohra tat-triq imma kien ser jipprocedi ghad-dritt lejn id-direzzjoni tac-centru tar-rahal tax-Xewkija meta sab l-m/cycle misjuq mill-attur hiereg minn kantuniera u fuq in-naha zbaljata tat-triq sejjer lejn id-direzzjoni tar-Rabat;

4. Illi ghalhekk l-attur huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Salvi risposti ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-affidavits, ix-xhieda u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat il-kopja tal-atti tal-process verbal fl-inkjesta dwar l-incident de quo;

Rat ir-rapport tal-espert mediku Dr. Emanuel Farrugia mqabbad mill-Qorti;

Accediet fuq il-post fejn sehh l-incident nhar it-13 ta' Jannar, 2015;

Rat illi fl-istess verbal tat-13 ta' Jannar, 2015 il-kawza baqghet differita ghad-decizjoni ghal-lum b'dana li l-partijiet inghataw il-fakulta' li jaghmlu noti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha;

<u>**Ikkunsidrat**</u>

**Il-fatti:**

Illi din il-kawza tirrigwarda habta bejn zewg vetturi li sehhet fid-19 ta' Ottubru 2009, ghall-habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar. L-attur Francis Sciberras isostni li kien qed isuq il-mutur tat-tip Yamaha bin-numru tar-registrazzjoni FAZ 896 u li kien ghadu kemm hareg minn Triq Il-Qronfol, Xewkija, fejn joqghod, u kien qed jistenna biex jaqsam it-triq principali cjoe' Triq Il-Hamrija, Xewkija. Huwa jghid li l-intenzjoni tieghu kienet li qabel ma jibqa' sejjer ghax-xoghol fil-fabbrika tal-FXB Ltd, fix-Xewkija, huwa kien ser jghaddi jixtri flixkun luminata minghand tal-hanut maghruf bhala 'Tax-Xiber' li jinsab fuq ix-xaqliba l-ohra ta' Triq il-Hamrija u huwa ghalhekk li kien wieqaf jistenna biex jaqsam it-triq bil-mutur. Min-naha l-ohra l-konvenut Stephan Spiteri kien qed isuq it-trakk tat-tip Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni IBH 354, hiereg minn triq sekondarja fi Triq il-Hamrija stess biex jidhol fit-triq

principali li hi maghrufa wkoll bl-istess isem ta' Triq il-Hamrija biex skont hu jibqa' sejjer fid-direzzjoni tac-centru tal-lokalita' tax-Xewkija. F'mument minnhom iz-zewg partijiet habtu u konsegwenza ta' dan l-incident l-attur isostni li sofra griehi ta' natura gravi billi tilef il-kilwa tal-lemin minbarra hsara li garrab fil-mutur. L-attur qed izomm lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha soffert konsegwenza ta' dan l-incident. Filwaqt li l-konvenut jichad li l-incident sehh b'xi tort imputabbli lilu.

**It-talbiet:**

Da parti tieghu l-attur qed jitfa' r-responsabbilta' kollha tal-incident fuq il-konvenut ghaliex skont hu baqa hiereg b'velocita' minn fuq 'stop-sign' u qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli tal-incident, sabiex tillikwida d-danni sofferti mill-attur u finalment tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur id-danni likwidati.

Min-naha l-ohra l-konvenut jichad kwalunkwe responsabbilta' ghall-incident, isostni li l-'istop sign' m'ghandu x'jaqsam xejn mal-incident u jemfasizza li mhux minnu li l-attur kien wieqaf meta sehh l-incident anzi jghid li l-attur hareg 'wrong-side' minn Triq il-Qronfla u baqa' miexi 'wrong-way' sakemm baqa' diehel gol-vann bir-rizultat li r-reazzjoni tal-konvenut li ghalkemm inhasad u xorta ha 'break' ma kinitx bizzejjed biex jevita l-incident. Ghalhekk il-konvenut isostni li l-incident sehh unikament minhabba tort imputabbli lill-attur.

**Provi:**

Illi l-Qorti tqis li huwa ta' mportanza li l-verzjonijiet li taw il-partijiet jigu riportati f'din id-decizjoni kronologikament kif inghataw wara li sehh l-incident:

A fol. 107 tal-process jinsab esebit ir-rapport tal-Pulizija fejn jinsabu l-verzjonijiet tal-partijiet immedjatament wara li sehh l-incident. Skont l-istess rapport il-verzjoni moghtija mill-attur Francis Sciberras kienet kif isegwi:

'Kont qed naqsam meta f'daqqa wahda gie truck li kien qieghed isuq ftit u hbatna. Huwa qal ukoll li f'dak il-hin huwa kien hiereg minfejn id-dar u se jdur mar round about sabiex immur lejn l-fabbrika tar-russu, izda ir-roundabout kont ghadni ma qbadtiex.' (fol. 108)

Jirrizulta mill-atti li din il-verzjoni tal-attur inghatat lil PS Jason Xerri gewwa l-Isptar t'Ghawdex ftit tal-hin wara li sehh l-incident. Dan ix-xhud isostni a fol. 436 et seq tal-process li huwa kellem lill-attur fil-'cubicle' tal-isptar dan qallu li kellu jghidlu fil-qosor u daqshekk. Jghid li fl-ebda mument ma kien hemm hadd li waqqfu milli jiehu l-verzjoni tal-attur u li stenna li jkun lest mit-tobba qabel ma ghamel hekk.

Il-konvenut Stephen Spiteri a tempo vergine tal-verzjoni segwenti:

'Kont hiereg minn fuq l-istop sign waqaft, harist fuq il-lemin u ma kien gej hadd u kif qlajt sibt il-mutur li kien hiereg minn Triq il-Qronfol u sibtu ma wicci u saret il-habta.'

Din il-verzjoni nghatat fuq il-post tal-incident lill-Pulizija. Ftit sieghat wara l-Magistrat inkwirenti ghamel access fuq il-post u hemmhekk ha l-verzjoni tal-konvenut dwar kif sehh l-incident. Din tinsab a fol. 116 tal-processs. Fil-parti saljenti ta' din ix-xhieda jsostni li l-incident sehh kif isegwi:

'Kien gej minn dit-triq (*referenza ghas-side road fi triq il-Hamrija*), waqaft fuq l-istop sign, rajt li mhu gej hadd minn din in-naha (*referenza ghall-lemin),* u malli qlajt, hu hareg minn wara l-kantuniera ezatt. Zammejt il-brejk mal-, u lqatt, eh. Dak li naf li gara.' (fol. 116 – il-kliem *italics* mizjud mill-Qorti)

Fl-istess xhieda jibqa jsostni meta konfrontat mill-Ispettur Josric Mifsud illi l-kelma 'STOP' qeghdha lura hafna u ma hemmx vizwali tajba jibqa' jinsisti li huwa fil-fatt waqaf hemm.

Jirrizulta li fil-vann misjuq mill-konvenut kien hemm ukoll passiggier bl-isem ta' Christopher Mintoff izda l-ebda verzjoni tal-fatti tieghu ma hi riportata fir-rapport tal-Pulizija. Izda l-verzjoni ta' Christopher Mintoff ingabret mill-Magistrat Inkwirenti dak in-nhar stess fuq il-post fejn fil-part saljenti taghha jinghad kif isegwi:

'Xhud: Ksirna minn dik it-triq, gejn l' hawn (*mis-side road ta' Triq il-Hamrija*), waqaf, qala'.

Magistrat Inkwirenti: It-Triq x'jisimha?

Xhud: Ma nafx. Waqaf hawn (*referenza ghall-kelma 'stop'*), qala', u kif qala' l-iehor hariglu minn wara l-kantuniera.' (fol. 118 – kliem bl-*italics* mizjud mill-Qorti)

'Xhud: Imbagahd qala' hu, u kif qala' hekk u soqna hareg l-iehor.

Magistrat Inkwirenti: Spiteri qala', u kif soqna hareg l-iehor, l-iehor x'inhu, tal-motor cycle?

Xhud: Hu hareg minn naha l-ohra' (fol. 119)

Mistoqsi jekk rahx hiereg mit-triq l-ohra jghid:

'Jien just rajtu, kif rajtu, rajtu ma' wicci fhimt? Rajtu, kif ghafas il-brejk, harist hekk, ma kontx qed inhares, u rajtu ma' wicci jigifieri.' (fol. 119)

Dan ix-xhud ukoll gie konfrontat mill-Ispettur Josric Mifsud dwar il-posizzjoni tal-'istop sign' u ghalfejn allura l-'break-marks' jibdew minn fuq il-linja l-bajda u jirrispondi:

'jiena nghid illi d-driver, Spiteri, x'hin waqaf fuq fejn hemm mitkub 'Stop' ma ra lil hadd gej, huwa mbaghad qala' u xhin beda johrog f'daqqa wahda jitfacca tal-motor cycle mit-triq li hemm fil-genb, minn Triq il-Qronfla . . ' (fol. 119)

It-tieni verzjoni tal-attur hija dik li tinsab fir-rikors guramentat fejn isostni illi huwa kien:

'wieqaf bil-mutur tieghu tat-tip Yamaha DT bin-numru ta' registrazzjoni FAZ 896 fit-tarf ta' Triq il-Qronfol, Xewkija, li tizbokka fit-triq id-dritta maghrufa bl-isem ta' Triq il-Hamrija, Xewkija, precizament, il-barra mit-tarf ta' triq il-Qronfol pero' l'gewwa mit-tarf ta' triq id-dritta, jistenna it-traffiku jikklerja qabel ma johrog ghal got-triq id-dritta. baqa' hiereg minn fuq STOP sign minn fergha ohra tat-Triq il-Hamrija, maghrufa wkoll bl-isem ta' Triq il-Hamrija, li pero' hija triq sekondarja, il-konvenut Stephan Spiteri, li dak il-hin kien qed isuq truck pic-up tat-tip Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni JBH 354, minghajr ma waqaf u ghalkemm applika l-brejkijiet habat mal-mutur u tajjar lill-attur..' (fol. 1)

It-tielet verzjoni tal-konvenut tinsab fir-risposta guramentata tieghu fejn jghid kif isegwi:

'Illi m'huwa minnu xejn li l-attur li kien qieghed isuq m/cycle tat-tip Yamaha DT (numru ta' registrazzjoni: FAZ 896) kien wieqaf fit-tarf ta' Triq il-Qronfla, Xewkija. Li kieku l-attur kien

veru hekk wieqaf fit-tarf ta' Triq il-Qronfla kieku l-incident qatt ma kien javvera ruhu. Li gara kien li l-istess attur hareg minn go triq sekondarja ghal gol-karregjata tat-triq principali minghajr ma esplora tajjeb it-triq, hareg rassenti minn taht il-kantuniera tal-istess triq u pproceda ghal distanza konsiderevoli fuq ir-wrong side tat-triq bil-konsegwenza li dahal fit-truck (JBH 354) misjuq mill-konvenut.

Illi l-istop sign ma jinkwadra ruhu bl-ebda mod f'dan l-incident u s-sinjal abjad qieghed hemm biex jidderigi t-traffiku li jkun irid jaqsam il-karregjata ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq. Fil-kaz tal-konvenut huwa ma kienx se jaqsam ghan-naha l-ohra tat-triq imma kien ser jipprocedi ghad-dritt lejn id-direzzjoni tac-centru tar-rahal tax-Xewkija meta sab l-m/cycle misjuq mill-attur hiereg minn kantuniera u fuq in-naha zbaljata tat-triq sejjer lejn id-direzzjoni tar-Rabat' (Fol. 8);

It-tielet verzjoni tal-attur hija dik moghtija fl-affidavit tieghu a fol. 13 tal-process fejn din id-darba l-attur jispjega fost ohrjan illi:

' ..jiena kont diga hrigt minn Triq il-Qronfol u kont biswit it-traffic island kantuniera bejn it-triq principali u t-triq sekondarja l-ohra, wieqaf nistenna li t-traffiku li kien ghaddej mit-triq principali jikklerja qabel ma nsuq biex naqsam it-triq principali. Billi hassejt li kont sporgut xi ftit il-barra ghal got-triq principali jien angolajt il-mutur biex gennibtu ftit ghal lemin fid-direzzjoni tat-traffic island halli nevita li nista' nintlaqat mit-traffiku li kien ghaddej fit-triq principali.'

Fil-kontro-ezami tieghu a fol. 414 et seq u 422 et seq tal-process jipprova jaghti spjegazzjoni ghall-versjonijiet diversi li huwa ta' dwar l-intenzjonijiet tieghu qabel sehh l-incident u kif sehh l-incident u jghid kif isegwi:

'Mistoqsi jekk kienx hemmx xi raguni partikolari ghalfjen jiena meta tajt l-istatement lis-Surgent ma kontx ghedtlu illi kont sejjer nixtri minghand tax-Xiber, nghid ir-raguni kienet ghaliex jien kont mugugh hafna, kont f'qaghda kritika, infatti t-Tobba qalulu biex ma jidholx ikellimni, jiena almenu hekk jidhirli li huwa ma kienx dahal ikellimni mill-ewwel. Mistoqsi nikkonfermax illi s-Surgent Scerri kien fil-fatt talab il-permess tat-Tabib biex ikellimni, nghid illi hekk nimmagina li ghamel. Qed nigi mistoqsi niftakarx x'kont ghedt lis-Surgent, nghid illi jien kont ghedt lis-Surgent illi kont hiereg mit-triq biex immur lejn il-fabbrika u li kont waqaft u li gie t-trakk tas-Sur Spiteri, baqa' hiereg minn fuq l-istop sign u tajjarni u laqatni fil-genb tieghi.

Qed nigi mistoqsi kienx hemm xi raguni partikolari illi jiena dakinhar illi kellimni s-Surgent jiena kont ghedtlu illi kont sejjer lejn il-fabbrika li hija direzzjoni, mentri fl-affidavit jiena ghedt illi kont sejjer nixtri minghand tax-Xiber li hija direzzjoni ohra, nghid illi kif diga'

xhedt illi jiena dakinhar kont hafna mugugh u ghalhekk ma setax kien ikun mistenni minni illi jiena nixhed bi precizjoni, pero' fl-ahhar mill-ahhar jien kont sejjer lejn il-fabbrika u kont se nghaddi nixtri soft drink qabel immur il-fabbrika. Jiena ma ghedtlux illi kont sejjer ghand tax-Xiber ghaliex kont mugugh u dak il-hin ma ginix go mohhi, ma kontx f'posizzjoni illi naghti precizazzjonijiet kollha.

… Qed nigi mistoqsi liema hija l-verzjoni korretta u cioe' jekk jien kontx wieqaf jew kont qed naqsam, nghid illi jiena ghal ftit sekondi kont wieqaf biex jilhaq jghaddi t-traffiku halli nkun nista' naqsam u dan mill-main road.

Meta jiena fit-tielet (3) paragrafu tal-affidavit ghedt illi jien kont sporgut xi ftit 'il barra, kont fit-tarf ta' Triq il-Qronfol peress li din tinfed ghal go Triq il-Hamrija u gennibt il-mutur fuq in-naha tal-lemin tieghi biex inkun nista' naqsam. X'hin gennibt il-mutur lejn in-naha tal-lemin tieghu, jien l-mutur ovvjament soqtu ftit biex it-traffiku jkun jista', it-traffiku illi jkun irid jidhol ghal fuq Triq il-Qronfol min-naha tax-xellug tieghi jkun jista' jidhol. Dan kollu s'intendi gara qabel ma jiena mort ghand tax-Xiber . . . Idejja t-tnejn kienu t-tnejn fuq l-isteering u m'iniex qed naqbel ma' dak suggerit lili illi jien kont qed nirranga l-crash helmet. Nikkonferma li Triq il-Qronfol hija two way. Qed nigi mistoqsi allura kif nispjega l-fatt illi jiena hrigt min-naha hazina tat-triq, nghid illi jiena ma hrigtx min-naha hazina tat-triq, kont qieghed fin-nofs biex naqsam ghand tax-Xiber, qed nirreferi ghall-ispjegazzjoni illi diga' tajt. Jiena ma naqbilx ma' dak illi qal l-espert tekniku Joseph Zammit illi jien hrigt min-naha l-hazina tat-triq.

Qed nigi mitlub nindika fejn saret il-habta, u nghid illi b'referenza ghar-ritratt Dok SS 1 illi jinsab fol. 178 tal-process, jiena bejn wiehed u iehor qed nindika illi l-habta sehhet fejn ghamilt salib. Qed nigi mistoqsi ladarba jien indikajt ghala l-punt fejn iltqajna u li jien nghid illi fejn tajjarni huwa dak li ndikajt fuq dan ir-ritratt a fol. 178 tal-process, kif nispjega illi jiena kont 'il gewwa mill-kantuniera ta' Triq il-Qronfol, nghid illi jiena kont gej minn tal-Qronfol, jigifieri hrigt minn hawn min-naha l-ohra fejn hemm il-karozza l-bajda fir-ritratt a fol. 178 u hrigt lejn in-naha fejn hemm in-'non continuous white line' biex inkun nista' naqsam. Biss pero' kien hemm il-karozzi li kienu gejjin min-naha tal-lemin u karozzi illi kienu gejjin min-naha tax-xellug biex jidhlu ghal Triq il-Qronfol u allura jiena ghamilt il-wisa' lit-traffic biex ma nkunx nista' nkun ta' ostakolu u mort fejn hemm indikat b'salib. Nghid illi jiena bejn wiehed u iehor kont fejn gie mmarkat bi vlegga fuq ir-ritratt a fol. 178 mill-Qorti u harrikt il-mutur lejn in-naha tal-lemin u fejn hemm immarkat, fejn jien iktar qabel immarkajt b'salib. Nghid illi jien harrikt il-mutur mill-A sa B, imbaghad meta sehh l-impatt il-mutur u jiena ttajjart mieghu b'kollox.' (fol. 414 sa 416)

Fl-atti tal-kawza l-konvenut ta l-verzjoni tieghu a fol. 422 tal-process fejn jikkonferma l-verzjoni moghtija minnu originarjament fl-inkjesta u jghid kif isegwi:

'Illi nfatti jien xorta waqaft fuq il-kelma Stop u malli ezatt hallejt l-istess sinjal, u accertajt ruhi li ma kien gej hadd u li stajt nohrog liberament fit-triq principali nara lil Sciberrras li litteralment hareg minn wara l-kantuniera ta' Triq il-Qronfol u gie ghal fuqi. Jiena nhsadt u brejkjajt ghax sibtu fit-triq tieghi – litteralment go wicci. Infatti huwa ma kienx fuq il-karreggjata t-tajba tat-triq peress li kieku zgur li l-habta ma kinitx issehh – wisq anqas fil-punt li sehhet.'

Fil-kontro-ezami tieghu a fol. 495 tal-process ghalkemm il-konvenut gie mistoqsi diversi drabi kien jikkonferma l-verzjoni tieghu nonostante l-'break-marks' li halla fuq il-post jibqa' jsostni sal-ahhar li huwa kien fil-fatt waqaf fuq l-istop sign u rega' beda hiereg meta sehh l-incident. Fil-kontro-ezami tieghu a fol. 500 il-konvenut jikkonferma li la hu u lanqas tal-mutur ma kienu ghaddejjin b'xi speed qawwi. Fl-opinjoni tal-Qorti dan juri l-genwinita ta' dan ix-xhud li xehed minghajr tlaqliq anki dwar fatti li setghu se mai jimmilitaw kontra tieghu:

'Dan ma kienx hemm xi speeds qawwijin li ha tibqa' titkaxkar.' (fol. 500)

'Ma kienx hiereg merfuh lanqas ta hu, hu bil-mod kien hiereg.' (fol. 501)

In oltre fil-kontro-ezami jammetti li hu ma rax lill-konvenut jilghab b'id wahda mal-'crash-helmet' kif isostni x-xhud l-iehor (fol. 502). Fl-opinjoni ta' din il-Qorti din il-genwinita da parti tal-konvenut ukoll timmilita favur il-kredibilita' tax-xhieda tieghu.

Ix-xhud Christopher Mintoff ta wkoll il-verzjoni tieghu fl-atti ta' din il-kawza li tikkonferma dak li nizjalment huwa qal lill-Pulizija u lill-Magistrat Inkwirenti ghalkemm tidhol ukoll f'aktar dettal kif isegwi:

'Pront pero' malli kien mexa ftit metri, ahna rajna lill-mutur li kien qieghed jigi misjuq minn Francis Sciberras gej ghal go fina, precizament fin-naha tieghi, u Stephan ghafas il-break u Sciberras habat mal-faccata tat-truck, precizament lejn in-naha tal-passiggier.

Illi nista' nghid bil-gurament tieghi li meta Sciberras ra t-truck taghna huwa nhasad u nfixel bir-rizultat li baqa' diehel go fina. Nghid ukoll li jiena lil Sciberras rajtu hiereg minn mal-kantuniera u nghid ukoll li kellu idu wahda fuq il-mutur u bl-idu l-ohra kien qieghed jirranga l-helmet. Infatti Sciberras hareg mill-karreggjata l-hazina ta' Triq il-Qronfol u dana peress li hareg litteralment minn wara l-kantuniera.'

In kontro-ezami l-istess xhud jikkonferma li :

'Imma hu, hu hareg, meta hareg hu, hu hareg ezatt minn wara l-kantuniera jigifieri hu hareg kontra l-linja go dik it-triq li kien hiereg minnha hu. Jigifieri ahna ma tantx kien hemm cans, kieku kien fil-post li suppost kien suppost ikun, kien hemm cans li forsi tarah, imma billi hareg minn wara l-kantuniera ma kienx hemm cans li tarah.'

Fost ix-xhieda kollha li tressqu din il-Qorti tqis li ta' mportanza huma l-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-espert tekniku fl-atti tal-Process Verbal is-Sur Joseph Zammit liema xhud tressaq ukoll sabiex jixhed fl-atti ta' din il-kawza.

Il-konkluzzjonijiet tas-Sur Joseph Zammit fl-atti tal-process verbal jinsabu a fol. 132 u 133 tal-process fosthom is-segwenti:

'4. Illi nstabu provi li t-trakk m'osservax dawn is-sinjali billi hekk kif induna bil-hrug tal-motorcycle minn got-triq il-Qronfol huwa applika il-brakes minn fuq l-istop sign iktar 'l isfel gol-imsemmija triq il-Hamrija kif indikat fid-dokument mmarkat DOK JZ1.

5. Illi rrizulta wkoll li l-imsemmia motorcycle kien qieghed jinstaq got-triq il-Qronfol u hareg got-triq il-Hamrija minn fuq in-naha hazina tat-triq fuq in-naha tal-lemin fil-genb tal-fond imsemmi, filwaqt li t-trakk kien qieghed jinstaq gol-imsemmija triq il-Hamrija.'

Rat il-provi kollha l-ohra mressqa.

**Ikkunsidrat:**

Illi mil-lat ta' gurisprudenza f'kazijiet simili fejn il-verzjonijiet ta' kif sehh l-incident ikunu konfliggenti jinghad illi:

*'… jinkombi fuq il-Qorti li tipprova tikkostruwixxi d-dinamika ta' l-incident b'kull element ta' prova a disposizzjoni taghha. Dan biex minn tali rikostruzzjoni tkun tista' tasal biex tidentifika r-responsabilitajiet reciproci tas-sewwieqa nvoluti fl-incident relatati ma' l-osservanza jew non-osservanza da parti taghhom tar-regolamenti tat-traffiku li huma kienu obbligati li josservaw fic-cirkostanzi li fihom sehh is-sinistru. Fir-rikostruzzjoni ta' tali dinamika jassumu allura rilevanza spiss determinanti l-provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lill-verzjoni u mhux lill-ohra u li allura jirrendu verzjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra.*[1]

Illi mill-assjem tal-provi, anki in vista li l-verzjonijiet tal-istess attur ivarjaw sew minn wahda ghall-ohra u anki jikkontradixxu wahda lill-ohra filwaqt li dawk tal-konvenut baqghu dejjem konsistenti, kif ukoll mill-provi l-ohra kollha mressqa fosthom ix-xhud okulari, ritratti tal-incident, diversi pjanti u mill-access li ghamlet din l-istess Qorti fit-triq fejn sehh l-incident, il-Qorti tqis li l-verzjoni tal-konvenut hija l-aktar wahda kredibbli u attendibbli fic-cirkustanzi.

Illi l-Qorti ghamlet referenza ghar-ritratt a fol. 178 tal-process fejn saru l-marki msemmija mill-attur fil-kontro-ezami u ssostni li dawn evidentement juru li kemm fejn l-attur jghid li huwa waqaf bil-mutur ghall-ewwel fejn hemm il-marka A kif ukoll aktar 'il isfel fejn hemm il-marka bl-X fejn skont l-attur sehh l-incident dawn il-marki jinsabu t-tnejn fuq in-naha l-hazina ta' Triq il-Qronfol minn fejn hareg l-attur u li hu stess ikkonferma li hija 'two-way'. Effettivament fil-mument tal-impatt jirrizulta li l-attur kien gia qieghed fit-triq principali, fuq in-naha l-hazina taghha kemm ghaliex mhux bi dritt ta' triqtu minn Triq il-Qronfol u anki ghaliex kien qed ihares l-oppost tal-karreggjata li kien jinsab fiha meta wiehed jikkunsidra l-karreggati tat-triq principali li minn dik in-naha tieghu lejn ic-centru tax-Xewkija. Kien jew ma kienx wieqaf l-attur, li din il-Qorti ser tispjega aktar 'il isfel li ma temminx din il-verzjoni moghtija mill-attur, xorta wahda huwa ma kellux ikun fil-post fejn sehh l-incident fl-ebda mument.

Illi l-Qorti hija wkoll tal-fehma illi kieku kien minnu li l-attur kien wieqaf u ghamel dawk il-manuvri kollha fit-triq sabiex icaqlaq il-mutur qabel ma sehh l-impatt kien ikun impossibli ghall-konvenut u l-passiggier li ma jarawhx quddiemhom qabel l-incident anki ghaliex it-triq sekondarja li gew minnha mhix wahda qasira. Sahansitra skont l-attur wara dawn il-manuvri kollha huwa kellu c-cans ihares lejn it-trakk tal-attur u jara l-mossi li kienu qed

[1] **Middlesea Insurance vs Joseph Galea et,** Qorti tal-Appell Sede Inferjuri, App Inf 20.01.2003PS.

jaghmlu l-persuni rekbin fih.[2] B'kontradizzjoni assoluta izda skont hu l-incident sehh 'fi ftit hin, fi ftit sekondi'[3]. Din il-Qorti tiskanta kemm f'dawn il-ftit sekondi l-attur kellu cans jaghmel u jara affarijiet li x'hin ta l-verzjoni tieghu lill-Pulizija ma semma xejn minnhom. B'kuntrast izda fl-ewwel verzjoni tieghu moghtija lill-Pulizija sahansitra semma' l-isem tar-'roundabout' li kien behsiebu jmur lejha filwaqt li fil-verzjonijiet l-ohra kollha f'daqqa wahda din ir-'roundabout' intesiet ghal kollox. Din il-Qorti tqis li persuna li forsi kienet xi ftit imfixkla minhabba li kienet imwegga' xorta wahda ma kinitx ser taghti dettal daqshekk sinjifikanti jekk mhux ghax kien il-verita'.

In oltre l-Qorti hija tal-fehma illi kieku kien minnu li l-attur kien wieqaf fil-post indikat minnu, il-konvenut u x-xhud riekeb mieghu ma kien ikollhom l-ebda hjiel mil-liema triq huwa seta' hareg meta xehedu wara l-incident ghaliex kif gia nghad huwa kien gia jinsab, mhux fil-post fejn skont ir-regolamenti tat-traffiku kellu jkun, fil-karreggjata tat-triq principali. Ghalhekk il-Qorti ssostni li din il-verzjoni da parti tal-attur li huwa kien wieqaf u li ghamel dawk il-manuvri kollha hija nverosimili hafna u minn fuq meta mistoqsi ghalfejn ghamel dawn il-manuvri kollha, li ma jikkonformaw xejn mar-regoli applikabbli, fil-kontro-ezami tieghu jghid li ghaliex mohhu hekk qallu[4].

Illi wkoll il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ma kellu l-ebda raguni valida jew logika sabiex isostni li huwa ressaq il-mutur sabiex ma jaghlaqx it-triq ghall-vetturi li kienu gejjin miz-zewg nahat ghal go Triq il-Qronfol u dan ghaliex li kieku huwa hareg mis-'side' tieghu minn Triq il-Qronfol, il-vetturi sabiex jidhlu ghal go Triq il-Qronfol kienu jghaddu minn triqthom cioe' minn fuq in-naha tal-lemin tal-attur li ma kien ikun qed jikrea l-ebda ostaklu ghalihom filwaqt li karozzi li gejjin minn warajh kienu jistennew warajh sabiex johorgu fit-triq principali kif fuq kollox suppost kien qed jaghmel hu. Din il-Qorti ma tista' bl-ebda mod taccetta bhala regolari dik il-parti tax-xhieda tal-attur fejn isostni li huwa ressaq il-mutur lejn il-lemin tieghu sabiex il-karozzi dehlin ghal Triq il-Qronfol jghaddu minn fuq ix-xellug tieghu allura kompletament 'wrong-side' meta skont ir-regolamenti tat-traffiku dawn kellhom fi kwalunkwe kaz iduru minn fuq in-naha tal-lemin tieghu u fl-ebda mument ma kellhom jghaddu minn fuq ix-xellug tieghu sakemm huwa ma kienx 'wrong-way' kif fil-fatt jirrizulta kjarament li kien. Dan huwa konfortat mill-konkluzjonijiet tal-espert tekniku fl-atti tal-process verbal li jghid illi l-attur hareg:

' …kompletament minn fuq in-naha hazina tat-triq u cioe' minn taht il-genb tal-fond imsemmi Pauline. ..'. [5]

---

[2] Ara l-kontro-ezami a fol. 423.
[3] Fol. 424.
[4] Ara fol. 416 tal-process.
[5] Ara fol. 129 tal-process.

L-istess perit tekniku jispjega li l-attur hareg minn go Triq il-Qronfol ghal go Triq il-Hamrija minn fuq il-lemin u ghalhekk *wrong way*:

'…nghid ghaliex kif sibt il-motor cycle dan kien qieghed maqlub fuq in – naha tal-lemin tat-triq u kkonkludejt illi kien hiereg minn Triq il-Qronfol fuq in-naha tal-lemin minflok kif suppost fuq in-naha tax-xellug.'[6]

L-istess konvenut dejjem sostna li l-attur hareg minn wara l-kantuniera u dan sostnih f'kull verzjoni li ta' anki anki ab inizio lil pulizija u lill-Magistrat Inkwirenti. L-istess ukoll sostna l-passiggier Chris Mintoff li kien prezenti mal-konvenut fit-trakk. Il-konsistenza ta' dawn ix-xhieda tul il-proceduri kollha hija sinjifikanti ghal din il-Qorti sabiex temmen li l-verzjoni korretta tad-dinamika tal-incident hija dik moghtija mill-konvenut u mhux mill-attur.

Illi l-Qorti wkoll ma tistax tifhem ir-ragunament tal-attur illi sabiex skont hu huwa jmur ghand il-Hanut tax-Xiber li kien jinsab fuq in-naha tax-xellug tieghu huwa saq il-mutur tieghu kompletament in-naha opposta ta' Triq il-Qronfol meta tohrog minnha b'dana li huwa mar 'wrong side' u sahansitra tbieghed mill-hanut li suppost kien id-destinazzjoni tieghu filwaqt li l-mutur kien qed ihares in-naha opposta tal-hanut ix-Xiber.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-verzjoni korretta hija li l-attur mhux minnu li kien sejjer jixtri minghand il-Hanut tax-Xiber izda effettivament kien sejjer lejn id-direzzjoni tax-xoghol tieghu cioe' fuq in-naha tal-lemin tieghu anki ghaliex jekk huwa kien ghadu gew mill-'break' mid-dar li tinsab fl-istess Triq il-Qronfol huwa nverosimili li huwa ma kienx lahaq kiel u xorob mid-dar. Dan izda ma ghandux rilevanza ghad-dinamika tal-incident izda biss ghall-kredibilita' tal-attur. Fi kwalunkwe kaz izda jirrizulta li x'hin gie fit-tarf ta' Triq il-Qronfol l-attur qata' ghad-dritt mill-kantuniera tan-naha tal-lemin, hareg kompletament 'wrong-side' mill-istess triq bl-intenzjoni li jmur direttament fuq il-linja l-bajda u jaqsam ghan-naha l-ohra bil-mutur ihares lejn il-lemin minghajr ma ta l-ebda kaz tat-traffiku li kien gej jew gia hareg mis-'side-road' ta' Triq il-Hamrija ghal fuq it-triq principali minn fejn kien gej il-konvenut Spiteri. Dan huwa wkoll komfortat mid-dinamika tad-daqqa fuq il-vetturi li turi li l-mutur habat fil-genb tieghu tal-lemin mal-quddiem tat-trakk b'dana li d-daqqa fuq it-trakk hija ferm wiesgha. Dan ifisser li l-mutur mad-daqqa kien qed ihares lejn il-parti opposta tal-karreggata fit-triq principali cioe' lejn il-lemin tas-sewwieq. Dan ukoll jimmilita kontra t-tezi tal-attur li huwa kien sejjer fid-direzzjoni tal-hanut ix-Xiber ghaliex x'raguni kellu l-attur li jpoggi l-mutur ihares 'il isfel lejn il-lemin jekk kien ser jaqsam lejn hanut li kien jinsab fuq ix-xellug tieghu. B'dan l-agir l-attur ghamilha mpossibbli ghal Spiteri li jarah hiereg minn Triq il-Qronfol qabel ma qabez l-isplay li hemm bejn iz-zewg toroq. Li kieku l-

[6] Fol. 176 tal-process.

attur hareg min-naha t-tajba l-konvenut Spiteri kien ikollu vizwali ferm aktar tajba tal-attur u fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-incident ma kienx isehh kienet x'kienet l-ispeed tal-konvenut.

Illi mill-'break-marks' tal-konvenut li jidhru kjarament fir-ritratti MX 3 u MX 4 a fol 84 kif ukoll mill-'photo-montage' tal-iskizz tal-incident li sar mill-Perit Angelo Portelli a fol. 448 tal-process jidher car li meta l-konvenut ra li l-attur hariglu f'daqqa wahda minn wara l-kantuniera huwa kien gia qabez il-linja l-bajda (li kif jinghad aktar 'il isfel lanqas setghet tinghata spjegazzjoni ta' x'inhi) u ha 'break' mill-ewwel malli hariglu l-attur izda rizultat li l-attur hareg kompletament 'wrong-side' dan ma kienx bizzejjed sabiex jigi evitat l-incident. F'dan l-istadju l-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni tal-Espert Tekniku Joseph Zammit dwar il-konkluzjoni tieghu li huwa hareg minn fuq l-'istop sign' ghaliex skont hu l-'break-marks' jibdew minn qabel il-linja u dan ghaliex fil-fatt mir-ritratti u anki mill-iskizz l-'break-marks' jibdew oltre l-linja l-bajda, cioe' wara li l-konvenut qabez il-linja. Ghalhekk dan il-fatt ma jistax iservi bhala evidenza li f'xi mument il-konvenut ma waqqafx meta kien ghadu fit-triq sekondarja ta' Triq il-Hamrija bejn il-kelma 'STOP' u l-linja l-bajda.

Illi huwa fuq dan il-punt li l-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li l-iskizz tal-incident redatt mill-Perit Angelo Portelli ghandu jinghatalu l-importanza li jisthoqqlu anki in vista ta' gurisprudenza nostrana kwotata mill-istess attur fosthom **Carmelo Scerri vs Esther Darmanin**[7]:

*'Huwa ndubitat li f'kazijiet ta' kollizzjoni l-iskizz dejjem gie meqjus bhala element importanti tal-provi, ad eccezzjoni tas-sitwazzjonijiet fejn ikun jidher ovvju illi dan ma jkunx gie redatt sewwa u jkun jonqsu indikazzjonijiet li ma jistghux jitqiesu traskurabbli. L-importanza ta' dan id-dokument giet ravvizata anke fil-kaz fejn dan ma jkunx gie mahluf mis-surgent li rredigieh. Ghax anke fejn dan hu l-kaz 'hu wkoll veru li dan gie ppreparat in situ u a tempo vergine u hadd ma ressaq dubbju dwar l-integirta' tas-surgent. Dan ta' l-ahhar huwa recorder tar-res gestae u hu fid-dover qabel xejn, bhala parti mill-investigazzjoni tieghu, li jigbor il-fatti relevanti kif irrizultawlu materjalment u jirregistrahom fl-iskizz ta' l-okkorrenza. Allura meta l-iskizz ikun maghmul b'mod professjonali, u fejn indikat to scale jew almenu bl-esatezza, l-qisien importanti, u ma jkunx hemm kontestazzjoni dwaru mill-partijiet in kawza, dan l-iskizz ghandu jittiehed li jghamel prova ta' dak li juri'.*

L-attur isostni li l-evidenza turi li l-konvenut kien ghaddej b'certu 'speed'. Il-Qorti izda ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni anzi tqis li l-konvenut ma kienx ghaddej b'xi 'speed qawwi' nonostante li wiehed mill-'break-marks' fih erba' metri u nofs u dan meta wiehed jikkunsidra t-tip ta' trakk li kien qed jinstaq fosthom it-tul u t-toqol tieghu. Anzi l-Qorti tqis li pjuttost il-'break-marks' huma evidenza li t-trakk ma kienx qed jinstaq b'xi speed qawwi

---

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell [Sede Inferjuri] fl-20 ta' Ottubru 2003.

tant illi mal-impatt waqaf. Li kieku verament it-trakk kien ghaddej b'certu 'speed' gholi l-'break-marks' kienu jkunu ferm itwal u mal-impatt it-trakk kien jibqa' miexi jkaxkar il-mutur u lil sidu mieghu. Ghal dawn ir-ragunijiet ukoll il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzzjoni tal-espert tekniku Joseph Zammit fir-rigward tas-sewqan tal-konvenut. Fi kwalunkwe kaz izda l-Qorti ma tqisx li b'anqas speed da parti tal-attur seta' b'xi mod jigi evitat l-incident in vista tal-ksur palazi tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur li litterlament baqa hiereg 'wong-side' fid-direzzjoni tat-trakk u kien hu li kkrea l-periklu fit-triq.

Illi l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jsostni li l-incident sehh ghaliex il-konvenut ma waqafx fuq l-'stop sign' li hemm fi Triq il-Hamrija. Il-konvenut u x-xhud okulari sostnew li huwa fil-fatt waqaf u kien rega' beda hiereg meta sehh l-incident. Kif gia accennat aktar 'il fuq, il-Qorti ssostni li d-dinamika tal-incident bl-ebda mod ma tevidenzja jekk fil-fatt il-konvenut waqafx jew le fuq il-kelma 'STOP' qabel rega' beda hiereg kif fil-fatt isostni l-konvenut. Li hu zgur izda li in vista tad-distanza li hemm bejn il-kelma 'STOP' u l-linja l-bajda fit-tarf tat-triq sekondarja maghrufa wkoll bhala Triq il-Hamrija u l-post fejn attwalment sar l-incident, il-fattur jekk il-konvenut waqafx jew ma waqafx fuq l-'istop sign' ma kien ser jaghmel l-ebda differenza ghad-dinamika tal-incident ghaliex l-incident sehh unikament minhabba li l-attur hareg kompletament 'wrong-way' minn Triq il-Qronfol u sehh meta anki trakk tal-konvenut kien gia qabad it-triq principali. Ghalhekk il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenut illi fejn sehh l-incident l-konvenut kien gia qabad il-karreggjta tat-triq principali fi triqtu lejn ix-Xewkija u ghalhekk f'dak il-punt ma kienx mistenni mill-konvenut li jkun wieqaf. Evidentement l-attur invada dik il-parti tal-karreggjata li ma kinitx proprju tieghu u ghalhekk sehh l-incident, dik il-parti li hija ntiza sabiex il-karozzi li hargu mit-triq sekondarja maghrufa bhala Triq il-Hamrija jaqbdu t-triq principali lejn ic-centru tax-Xewkija.

Illi l-Qorti izda ma tistax ma tikkummentax li certament is-senjaletika fit-toroq fejn sehh l-incident zgur li ma hi ta' l-ebda ghajnuna ghas-sewwieqa li jkunu qed jaghmlu uzu minn dawn it-toroq specjalment il-kelma 'STOP' ferm lura mit-tarf tat-triq u l-linja ferm 'il boghod quddiemha tant li lanqas ir-rapprezentanta responsabbli minnhom il-Perit Audrey Testaferrata De Noto ma kienet taf ezattament is-sinjifikat taghhom ahseb u ara kemm ghandu jkun jaf cikku l-poplu li qed jaghmel uzu mill-istess triq. Infatti fis-seduta tal- 14 ta' Frar 2014 il-Perit Audrey Testaferrata de Noto a fol. 360 tal-process tixhed kif isegwi:

'Xhud Perit Audrey Testaferrata DeNoto :

Ma nafx x'tindika fuq il-post . Ma nafx ezatt x'tindika fuq il-post.

Dr Mario Scerri :

Ma tafx x'jigifieri ?

Xhud Perit Audrey Testaferrata de Noto :

Ma nafx x'tindika dik fuq il-post. Ma nafx ghax qeghdha hemm hekk. Ir-raguni hija li meta ahna naghmlu design ta' Stop, dak mhux design ta' Stop. L-ewwelnett l-linja iStop, fejn jieqaf l-istop trid tkun four hundred ( 400 mm) millimeter wiesgha u dik on site qeghdha hundred seventy ( 170mm). ….. Jigifieri bhala design, la l-line dak il-line ma sar qisu bhala line ta' Stop line, ghax m'huwiex tal-hxuna ta' Stop, pero' is-sign hemm qeghdha, hemm is-sign tal-iStop fil-fatt hadt ir-ritratti.'

Illi l-Qorti analizzat bir-reqqa il-pjanta/skizz tal-Perit Angelo Portelli li tinsab 'super-imposed' fuq aerial photo tal-post tal-incident (a fol. 448 tal-process) in partikolari l-posizzjoni u d-direzzjoni taz-zewg vetturi wara l-incident, id-direzzjoni tal-'break-marks', il-posizzjoni tas-senjaletika fit-toroq in kwistjoni, iz-zewg lanes fi Triq il-Qronfol u fejn jinsab il-hanut tax-Xiber imsemmi mill-attur kif ukoll il-posizzjoni tad-daqqiet fuq iz-zewg vetturi kif jirrizulta mill-provi kollha mressqa quddiema u hija moralment konvinta mill-informazzjoni ndikata fuqha illi li kieku l-attur hareg fuq in-naha t-tajba tat-triq, anki jekk il-konvenut kien b'xi mod ghaddej b'xi speed jew ma waqafx fuq l-'istop sign' l-incident in kwistjoni qatt ma kien isehh ghaliex fl-ebda hin il-mutur ma kien jigi fit-triq tat-trakk jew bil-kontra.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur jikkwota a favur tieghu l-principju ta' *res ipsa loquitur* fejn skont hu l-pjanti u surveys esibiti mill-perit tekniku Angelo Portelli mahtur fl-atti tal-inkjesta u d-diversi ritratti esibiti in atti jaghtu stampa cara ta' x'gara a favur tat-tezi tieghu. Jikkwota l-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Capt. Arthur Gera** moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-sena 1958 Kollez. Vol.XLII.iv.1542 li tghid:

'*jekk f'incident tat-traffiku jikkonkorru cirkustanzi li jikkostitwixxu res ipsa loquitur, dawk ic-cirkostanzi ma jistghux ma jwaqqghux ix-xhieda kuntrarja tad-driver involut fl-incident*.'

Din il-Qorti taqbel ma' l-applikazzjoni ta' dan il-principju ghall-kaz in ezami izda fil-konfront u a detriment tal-verzjoni tal-attur li fl-opinjoni tal-Qorti mhix korroborata mic-cirkustanzi li rrizultaw lill-Qorti.

Illi nghad fil-kawza **Vella Angelo v Mompalao Paul** deciza fis-16 ta' Settembru, 2004 (numru 89/1887/1) mill-Qorti tal-Appell Inferjuri mill-Onorevoli Mhallef Dr. Philip Sciberras:

*'Premessi dawn l-osservazzjonijiet, huwa ben assodat f' materja ta' determinazzjoni ta' responsabilita` ghall-incidenti stradali illi l-Qorti adita ghandha tiggwida ruhha fuq dak li jkun irrizultalha li kienet il-kawza prossima u mmedjata tal-incident partikolari u tapplika ghalih il-gudizzju taghha in konformita` mar-regoli stabbiliti u dawk il-principji tal-bon sens u tal-prudenza komuni li l-konducenti kienu tenuti josservaw u jsegwu.*

Fil-kawza fl-ismijiet **Jesmond Cortis vs Philip Farrugia**, l-Onorabbili Qorti tal-Appell Inferjuri preseduti mill-Imhallef Dr. Philip Sciberras fid-decizjoni datata 24 ta' Mejju, 2006 (numru 742/2002/1) sahqet li l-kawza prossima tal-incident ma kienx l-ispeed eccessiv tal-attur, izda l-fatt li l-konvenut ittanta jittraversa t-triq tal-attur, b'dan li nholqot emergenza u l-habta saret inevitabbli:

*'L-proposizzjoni centrali ta' l-appellanti tidher li hi dik li l-kawza prossima hi l-velocita` eccessiva li biha kien qieghed isuq l-attur. Bir-rispett kollu, din il-proposizzjoni ma tipperswadix lill-Qorti. Inghad korrettement illi speed eccessiv wahdu mhux bilfors ghandu jissarraf awtomatikament fi htija, anke jekk inhu veru wkoll illi f'cirkostanzi konkomitanti determinati jista' jaghti lok jew jikkontribwixxi ghall-incident. Jinsab fil-fatt ritenut fis-sentenza "**Jesmond Bonello -vs- Giulio Baldacchino**", Appell, 15 ta' Jannar 1997 illi "speed eccessiv jista' jitqies bhala fattur li jaddebita responsabilita` jew kontributorjeta` ghas-sinistru fil-kazijiet fejn, jew jigi pruvat li dan l-ispeed kien ukoll kawza prossima u mmedjata tas-sinistru fih innifsu jew li jkun ikkontribwixxa b' mod rilevanti ghall-aggravament tad-danni kagjonati mill-istess sinistru";*

*(5) Fuq l-istregwa tad-dinamika ta' l-incident hi l-ferma konvinzjoni ta' din il-Qorti illi l-attur kien tabilhaqq ghaddej isuq bi speed forsi esagerat. Tasal ukoll forsi biex taccetta li dak l-ispeed ma ppermettielux jiehu azzjoni evasiva. Dan hu indikat lill-Qorti mill-hsarat estensivi fil- vettura li timplika li l-velocita` zejda giet assorbita mad-daqqa.*

*Anke kieku pero' din il-Qorti tammetti l-allegazzjonijiet ta' l-appellanti xorta wahda, imbaghad, ma jfissirx illi dak l-eccess ta' velocita`, anke jekk koncess, ghandu jitqies bhala determinanti jew kontributorju ghar-responsabilita' ta' l-incident;*

*(6) Ir-raguni ghal din il-konkluzjoni hi dik li s-sitwazzjoni ta' emergenza ma gietx mahluqa mill-attur imma mill-appellanti. Kif gustament ritenut, "meta l-htija tal-kollizjoni tkun assorbenti, ma hemmx kwistjoni ta' 'contributory negligence' ghax il-htija tkun kawza unika tad-dannu, u r-responsablita` tal-kollizjoni taqa' kollha fuq min holoq l-istat ta' emergenza." (**Kollez. Vol. XXXII P II p 386**);*

*(7) Fic-cirkustanzi din il-Qorti ma ssibx gustifikazzjoni fl-asserzjoni ta' l-appellanti illi r-responsabilita`ghas-sinistru ghandha tigi akkollata fuq l-attur minhabba l-velocita` zejda ta' dan. Fil-verita` l-valutazzjoni taghha tal-provi u tad-dinamika shiha ta' l-incident twassalha biex tirriafferma illi "l-kawza prossima u mmedjata ta' l-incident kienet il-mod inkonsult kif il-konvenut ittanta jittraversa t-triq ta' l-attur u mhux xi eccess ta' velocita` da parti ta' l-attur" ("**Mehmet Kasap -vs- Edgar Ellul**" Qorti Civili, Prim' Awla, 30 ta' Ottubru1993; "**Dr. Remigio Zammit Pace nomine -vs- Carmen Grima**", Appell Inferjuri, 16 ta' Mejju 1997);'*

Infatti fl-istess sentenza hawn fuq citata, l-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras ikompli jghid:

*'1) Huwa fatt accertat illi l-appellant htieglu jitraversa arterja principali ta' triq biex jaccedi fid-direzzjoni li fiha xtaq jipprosegwi. Minimament, ir-regola bazika tac-cirkolazzjoni stradali kienet tiddettalu f' dak il-mument li huwa juza l-massima prudenza biex ma jostakolax il-"flow of traffic" li jkun ghaddej f' dik l-istess arterja principali;*

*(2) Kif ben saput kull manuvra ta' traversament ta' triq hija mhux biss delikata imma wkoll perikoluza u allura timponi fuq min jaghmilha li jaghti sinjal tempestiv, jassikura ruhu minn qabel li hu jista' jaghmilha bla perikolu u tfixkil ghall-konducenti ohra. In effetti hu pacifikamentakkolt in criminalibus illi minn jonqos minn dan id-dmir hu hati ta' sewqan perikoluz. Ara **Kollez. Vol. XXXIII P IV p 915**;*

*(3) Issa hu veru li f' dan il-kaz l-appellanti jghid li huwa hares qabel ma gie biex jaqsam. Imma jekk hu tassew li ghamel dan allura jkollu jinghad li ma haresx sew. Dan ghaliex it-triq minn fejn kien gej l-attur hi wahda wiesgha u tippermetti vizwali fit-tul li jaghmilha mpossibbli li wiehed ma jinnotax vetturi transitanti fiha;*

*(4) Il-verita` tidher, invece, li hi dik illi kif jissuggerixxu l-provi l-manuvra tal-konvenut kienet wahda inkonsulta ghall-ahhar u minghajr dik il-kawtela dettata mill-bon sens illi jekk kien intenzjonat jaghmel tali manuvra hu kellu jassikura li mhux biss jibdiha imma jtemma wkoll, bla periklu ghalih innifsu u ghal sewwieqa ohra.'*

B'applikazzjoni tal-principji hawn fuq enuncjati ghall-provi, fatti u cirkustanzi tal-incident de quo, il-Qorti tqis li kieku ma kinitx il-manuvra azzardata tal-attur li kkreat il-periklu mminenti fit-triq l-incident in kwisjtoni ma kienx isehh u ghalhekk ir-responsabbilta' tal-incident li sehh fis-dsatax (19) ta' Ottubru, 2009 bejn il-mutur Yamaha FAZ 896 u t-trakk Isuzu bin-numru JBH 354 tinkombi unikament fuq l-attur Francis Sciberras.

Filwaqt li l-Qorti tesprimi solidarjeta' mal-attur ghall-griehi li huwa garrab konsegwenza ta' dan l-incident u dak li ghadda minnu rizultat tal-istess, din il-Qorti tqis li mhux lok li l-konvenut jaghmel tajjeb ghal danni li sehhew unikament tort l-azzonijiet tal-istess attur.

In vista tal-konkluzzjonijiet suesposti li jwasslu sabiex it-talbiet attrici jigu michuda, m'hemmx lok li din il-Qorti tinoltra ruhha fuq il-kalkolu tad-danni sofferti mill-attur.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara li r-responsabbilta' tal-incident li sehh fis-dsatax (19) ta' Ottubru, 2009 bejn il-mutur Yamaha FAZ 896 u t-trakk Isuzu bin-numru JBH 354 tinkombi unikament fuq l-attur Francis Sciberras u ghalhekk filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tichad it-talbiet kollha attrici.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------